# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 551/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit)

vs

**Omissis**

**Omissis**

**Daniel Cuschieri**

**Omissis**

iben Joseph, imwieled Pieta', fl-1 ta' Frar, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 105581(M)

Illum, 23 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Daniel Cuschieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-9 ta' Awissu 2008 ghal habta ta' bejn it-8.00p.m. u id-9.00p.m., waqt li kienu fi Triq tal-Borg, Rahal Gdid u fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sitwat fi Triq Valletta, Rahal Gdid, ghamlu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-prigunier Perry Ingomar Toornstra skont kif iccertifika Dr. Daniel Cauchi MD (Reg. 5124) mill-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli, fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjali jew impjegati pubblici jew bhala persuni ohra li kienu qed jagixxu f'kapacita ufficjali, xjentement inflingew fuq persuna ugiegh jew tbatija gravi, sew jekk fizika sew jekk mentali, u dan bi ksur tal-artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghal Perry Ingomar Toornstra sabiex jingurjawh, iddejjquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi imbottaw lill-imsemmi Perry Ingomar Toornstra sabiex iweggawh jew jinsulentawh u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Liema reati bhala Ufficcjali Pubblici cioe' Ufficcjali tal-Habs kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Perry Ingomar Toornstra u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b), 141, 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(l) u 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Daniel Cuschieri mhux hati bhala awtur tal-imputazzjonijiet li jaqghu taht l-artikoli 214, 216(1)(d) u 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda hati bhala komplici tar-reati kontemplati fl-istess artikoli, a tenur tal-artikolu 42(e) u bil-kwalifika

taht l-artikolu 141 tal-istess Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, bl-assorbiment tar-reati taht l-artikoli 214 u 216(1)(d) bil-kwalifika taht l-artikolu 141 fir-reat taht l-artikolu 139A(b) ghal fini ta’ piena.

Il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati bhala awtur tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' hati bhala komplici tal-istess kontravenzjoni a tenur tal-artikolu 42(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b’dana pero', illi dan reat, ukoll ghal fini ta’ piena, qed jigi assorbit fir-reat taht l-artikolu 139A(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ma issibx lill-imputati hati taz-zewg kontravenzjonijiet dedotti skont l-artikoli 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi ma jirrizultawx pruvati u illiberatu minnhom.

Ghalhekk il-Qorti ikkundannat lil Daniel Cuschieri ghal piena karcerarja effettiva ta’ hames snin.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas kwart (1/4) tal-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe elf mitejn u wiehed u sebghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€1271.59) Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellanti  Daniel Cuschieri minnu  pprezentat fit-12 ta’ Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu lliberatu mill-imputazzjonijiet a tenur tal-artikolu 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kodici Kriminali, u kwantu sabitu mhux hati bhala awtur a tenur tal-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali u  tirrevoka s-sejbien ta’ htija a tenur tal-artikoli 42(e), 214, 216(1)(d), 139A(b) u 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali u tilliberah minnhom u minn kull htija skont il-ligi u fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**<u>Preliminari</u>**

Illi sabiex jigi evitat kwalunkwe malintiz l-esponenti qieghed minn issa jiddikjara illi huwa ma huwiex qieghed jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ma sabitx lill-esponenti hati tal-kontravvenzjoni taht l-artikolu 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ghalhekk l-esponenti qieghed jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu hati bhala komplici tar-reati kontemplati fl-artikoli 214, 216(1)(d), 139A(b) u bil-kwalifika tal-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**<u>Generali</u>**

Illi ghall-ahjar kjarezza ta’ hsieb l-esponenti sejjer **<u>fl-ewwel lok</u>**, juri kif mhux biss ma jirrizultax min huwa l-awtur tal-ferita gravi fuq Toornstra, izda anzi huwa propju l-esponenti, flimkien mal-imputati kollha l-ohra, li ghandhom jigu eskluzi minn kull htija ghaliex il-*bootmark* li giet fotografata mit-tabib Mario Scerri ma taqbel ma’ ta' l-ebda wiehed mill-imputati. Ghalhekk, l-esponenti sejjer jibda l-aggravji tieghu billi jittratta l-kwistjoni dwar din il-*boot mark* fuq dahar Toornstra, liema kwistjoni ghandha per se twassal ghal-liberazzjoni mhux biss tal-esponenti, izda bir-rispett, tal-imputati kollha fil-kawza minhabba li ma taqbel ma’ l-ebda *boots* ta’ l-ebda imputat.

**<u>Fit-tieni lok</u>**, l-esponenti sejjer juri, kif anke fid-dawl tal-ewwel aggravju, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet bir-rispett skorretta, meta nonostante li accettat il-fatt li ma jirrizultax pruvat min effettivament kkaguna l-ferita gravi fuq Toornstra, xorta wahda sabet lill-esponenti hati talli kiser l-artikoli 139A u 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-applikazzjoni tal-artikolu 42 (e) tal-Kodici Kriminali. L-esponenti, taht it-tieni aggravju, sejjer ghalhekk, jittratta s-sejbien ta’ htija minhabba l-applikazzjoni tal-artikolu 42, u juri kif l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet bir-rispett zbaljata ghaliex minn imkien ma jirrizultaw pruvati l-elementi necessarji sabiex tirrizulta l-komplicità.

**Fit-tielet lok**, l-esponenti sejjer ikompli juri kif l-Ewwel Onorabbli Qorti aktar u aktar kienet, bir-rispett, skorretta fil-konkluzzjonijiet taghha, u dan minhabba li lanqas biss ikkunsidrat ix-xhieda in difesa li tressqu kollegjalment mid-difiza, u lanqas biss ghamlet accenn ghat-testimonjanza ta' kull imputat, liema testimonjanza nghatat mhux biss quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, izda wkoll *a tempo vergine* waqt li kienet ghaddejja l-Inkjesta Magisterjali. Ghalhekk, l-esponenti sejjer, taht it-tieni aggravju, jaghmel analizi dettaljata tal-kontro-ezaminijiet u tal-kumplament tax-xhieda in difesa, sabiex juri kif mhux biss il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-livell tal-prova rikjest mil-ligi, izda wkoll biex juri kif id-difiza, u b'mod partikolari l-esponenti, irnexxielu, zgur sal-livell tal-probabbli juri l-innocenza tieghu.

**Fir-raba' lok**, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji supra, l-esponenti sejjer juri, kif, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, (u ghall-grazzja tal-argument biss), dina l-Onorabbli Qorti ma tabbraccjax is-sottomissjonijiet supra u cioè, li l-esponenti ma huwiex komplici fil-kommissjoni tal-ferita gravi fuq Toornstra, xorta wahda ma jirrizultawx l-elementi materjali tar-reati kontemplati fl-artikoli 214, 216 u 139A tal-Kodici Penali. L-esponenti sejjer juri kif l-elementi materjali tar-reati supra citati ma jezistux billi: a) wara li jaghmel analizi dettaljata tal-principji u gurisprudenza li tittratta l-uzu tal-forza mill-pulizija u l-ufficjali tal-habs; b) juri kif, fl-umili fehma tieghu, l-istess konkluzjoni tal-espert it-tabib Mario Scerri fejn gie dikjarat illi certu lezjonijiet huma kompatibbli ma' swat u li ntuzat forza esagerata fuq Toornstra, hija konkluzjoni, bir-rispett monka. Dan minhabba mhux biss l-interpretazzjoni tal-principji elenkati, izda wkoll minhabba l-fatt li t-tabib ezamina u ha l-verzjoni tal-akkadut ta' Toonstra biss, u mhux tal-imputati kollha u tal-ufficjali l-ohra tal-habs li kienu involuti fl-incident mertu ta' dan il-kaz, it-tabib qatt ma seta' jasal ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha.

**Fil-hames lok**, u in konnessjoni mar-raba' aggravju, l-esponenti sejjer juri kif anke l-istess ragunamenti, argumentazzjonijiet u dikjarazzjonijiet ohra tal-Ewwel Onorabbli Qorti jaghmluha *unsafe and unsatisfactory* li jigi dikjarat li l-esponenti flimkien mal-kumplament tal-imputati l-ohra kollha jinsabu hatja talli sawtu lill-prigunier Toornstra, u dan minhabba kuntradizzjonijiet kbar fl-istess sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti.

**<u>Fis-sitt u l-ahhar lok</u>**, u strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji supra, l-esponenti sejjer jaghmel aggravju dwar il-piena.

1. **<u>l-Ewwel Aggravju</u>**

L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet li fattwalment l-esponenti kien skorrett meta huwa sahaq li l-*bootmark* fuq dahar Toornstra ma hijiex la tieghu u lanqas tal-ko-imputati l-ohra u dana stante li l-espert Joseph Mallia kellu inkarigu sabiex iqabbel il-qiegh taz-zraben tal-esponenti u l-ohrajn, ma' dawk il-pedati li kien hemm mal-hajt quddiem l-ufficcju tal-SRT.

Filwaqt li huwa minnu li l-espert Mallia hekk irrelata, bir-rispett l-inkarigu tieghu hekk kif moghti mill-Magistrat li mexxiet l-In Genere kien ferm differenti u dana stante li l-inkarigu tieghu kien *"sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati minn fuq ix-xena tad-delitt ma dawk li ghandu jiehu minn fuq iz-zraben milbusa mill-ufficjali tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin u wara jirrelata bil-miktub*"[1].

Tqum necessarjament il-mistoqsija, ghalfejn l-espert ha biss tliet pari zraben sabiex jaghmel tali ezercizzju, meta l-Magistrat ordnatlu sabiex jaghmel tali *comparative report* maz-zraben tal-ufficjali kollha?

Tqum ukoll il-mistoqsija, ix-xena tad-delitt hija biss il-*locus* ta' fejn suppost sehhet din l-aggressjoni jew bhal kaz odjern necessarjament tinkludi wkoll il-persuna ta' Toornstra galadarba hemm *bootmark* daqstant evidenti?
X'kien l-iskop ta' tali hatra jekk mhux sabiex jinstab min verament ta dik id-daqqa ta' sieq lill-prigunier?

Naturalment dawn il-mistoqsijiet la quddiem l-Istruttorja u wisq anqas quddiem din il-Qorti qatt ma huma ser ikollhom twegiba. Madanakollu, ma jfissirx li anke f'dan l-istadju

[1] Folio 6 tal-atti tal-In Genere digriet li jgib id-data 11 ta' Awwissu 2008

mhux ser tinstab il-verità sabiex ikun determinat jekk l-esponenti kienx huwa li ta din id-daqqa ta' sieq.

Dina l-Onorabbli Qorti sabiex tasal u ssib il-verita` ghandha zewg opzjonijiet, jew li f'dan l-istadju fuq inkarigu taghhom, tesigi li l-espert Joseph Mallia jespleta l-inkarigu lilu moghti sabiex iqabbel il-qiegh taz-zraben tal-esponenti mal-*bootmark* misjuba fuq Perry, jew addirittura, il-gudikant togat li qieghed jippresjedi dina l-Onorabbli Qorti joghgbu jaghmel dan l-ezercizzju huwa stess stante li ma tehtiegx xi hila u/jew sengha specjali.

Kulma jrid isir huwa li r-ritratt numru 21 formanti parti mir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri MD ikun imkabbar ghad-daqs tar-ritratti tal-qiegh ta' kull zarbun elevat u jsir ezami komparattiv. L-esponenti jtenni bla tlaqliq li *even with the naked eye* dan jista' jsir minghajr l-ebda diffikultà. *Ictu oculi* ukoll *any reasonable person* jista' jasal u jikkonkludi li l-bootmark effettivament ma taqbel xejn maz-zraben hekk elevati.

Ghaldaqstant itenni l-esponenti, dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti ma huwiex legittimament u ragjonevolment korrett.

## 2. **<u>it-Tieni Aggravju</u>**

*2.a. punti ta' dritt in konnessjoni mal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali*

L-esponenti bir-rispett jishaq kif l-Ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett kienet legalment u fattwalment skorretta meta applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali abbinat mal-artikolu 139A tal-istess Kodici u ghalhekk ghaddiet sabiex issib lill-esponenti hati bil-mod kif sabitu hati.

Jidher bic-car li l-insenjament tal-Profs. Mamo fl-ewwel volum tan-noti tieghu in kwantu dak li jirrigwarda l-artikolu 42(e), gew ghalkollox injorati mil-Ewwel Qorti. Fis-sapjenza

tieghu, il-Profs. Mamo mhux talli spjega meta u kif ghandu jigi applikat dan is-sub-inciz, izda talli mar oltre minn hekk u kkwota *verbatim* l-intenzjoni tal-legizlatur fiz-zmien tal-promulgazzjoni ta' dan is-sub-inciz. Effettivament li ghamel il-Profs. Mamo kien proprju li kkwota mid-*Debates of the Council of Government* vol. XXXIII C.145, 296 dak li kien intqal mill-*Crown Advocate* ta' dak iz-zmien ossia Dr. V. Frendo Azzopardi, meta tressqet l-emenda sabiex jigi introdott dan l-artikolu.

Dr. V. Frendo Azzopardi spjega li l-intenzjoni tal-legizlatur sabiex jizdied dan is-sub-inciz huwa sabiex jolqot forom ohra ta' *complicity* milli digà kienu jezistu, ossia s-sub-incizi l-ohra mmarkati (a) sa (d):

> "These cases are different from what is known as instigation to commit a crime. There is a substantial difference between inducement to commit a crime and the incitement or the strengthening of the resolution of the offender. In the case of inducement it is assumed that the idea to commit the crime is the effect of the inducement. **<u>In the case of the incitement or the strengthening of the offender's resolution it is assumed that the idea to commit the crime is already conceived in the offender's mind, but he lacks courage to carry it into effect, and somebody else strengthens his will.</u>** [sottolinear tal-esponenti]. .... But if before the fact a promise is made of some help to be given after the fact, then that promise becomes a form of complicity because it encourages the author to perpetrate the offence.[2]"

L-intenzjoni tal-legizlatur hija ghaldaqstant wahda cara f'dan ir-rigward. Huwa agir punibbli bl-applikazzjoni tal-artikolu 42(e) kull meta jikkonkorru s-segwenti elementi:

a. persuna jkollha intenzjoni cara li trid tikser il-ligi
b. il-persuna supra indikata ma jkollhiex bizzejjed rieda sabiex taghmel hekk

[2] Notes on Criminal Law (Part I) by Prof. A. Mamo published by GhsL, page 125

c. terz li ma huwiex la l-vittima u lanqas il-persuna f’a u b supra, tkun taf bl-intenzjoni ta’ din il-persuna [f’a u b supra] u b’mod attiv theggu sabiex iwettaq l-intenzjoni tieghu
d. dan it-terz effettivament iheggeg lil persuna [f’a u b supra] qabel ma jsir l-akkadut
e. il-persuna [f’a u b supra] effettivament twettaq dik l-intenzjoni taghha f’a supra u mhux twettaq xi intenzjoni ohra.

Il-Profs. Mamo jishaq bl-aktar mod kategoriku u car, li l-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali ma jiskattax u ma japplikax fis-segwenti sitwazzjoni:

> “but above all you cannot conceivably order or instigate or incite a man to commit an offence unless you have the intention that it shall be committed: **you cannot strengthen the resolution which another man has to commit an offence or give instructions as to how best another should commit an offence, unless you are aware that that offence is contemplated and you yourself desire that it be committed.**[3]”[sottolinear tal-esponenti].

Huwa f’dan l-isfond legali inkontestabbli, li kellha l-Ewwel Onorabbli Qorti tgharbel il-provi u tapplika l-artikolu 42(e). Bir-rispett jintqal li ma sarx hekk u proprju minhabba tali applikazzjoni zbaljata tal-ligi li tirrendi s-sentenza appellata *not safe and satisfactory for confirmation upon appeal*.

L-esponenti jistaqsi, legittimament u ragjonevolment, x’provi jezistu li a bazi taghha, l-Ewwel Qorti strahet sabiex tapplika l-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali abbinat mal-artikoli 139A, 214 u 216?

It-twegiba bir-rispett hija XEJN.

---

[3] Ibid.

Dak li ghamlet l-Ewwel Qorti, f'dan il-kuntest huwa proprju dak li jigri meta bniedem ihaddan il-fidi Nisranija ossia li fejn mohh il-bniedem ma jwassalx allura jimla l-vojt bil-fidi tieghu. Bhal meta perezempju mohh il-bniedem jipprova jifhem il-kuncett tat-Trinità Mqaddsa – ezercizzju li l-bniedem certament ma jistax jifhem, però minhabba l-fidi taccetta dan it-taghlim. Bil-Latin jintqal: *prestet fides supplimentum*.

Bir-rispett però l-kawza penali ma humiex lezzjoni tad-duttrina Nisranija. Kawzi kriminali jinstemghu fl-awla tal-provi, proprju ghaliex huma l-provi li jirrenjaw u li l-gudizzju ghandu jsir a bazi taghhom skont il-ligi u ta' xejn aktar. Fin-nuqqas minflok ma ssir gustizzja minghajr pregudzzju, effettivament ikollok pregudizzju li qieghed jigi attwat ghad-dannu tal-persuna li qieghda tbatih u ghad-dannu tas-socjetà in generali stante li gustizzja ma tkunx saret.

Fil-kaz odjern, effettivament ma jistax jintqal li saret gustizzja mal-esponenti, stante li s-sejbien ta' htija tieghu a tenur tal-artikolu 42(e) u 139A, 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, hija sejbien ta' htija mhux imsejjes fuq provi u b'applikazzjoni hazina tal-ligi.

L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet :

> "illi ghalkemm m'huwiex maghruf l-awtur tal-ferita gravi in kwistjoni, l-erba' (4) imputati **bil-partecipazzjoni taghhom attiva kontra l-prigunier sahhew il-volontà ta' xulxin fil-kommissjoni tar-reat mill-awtur tal-istess ferita gravi,** [sottolinear tal-esponenti] u dana jirrendihom komplici fil-kommissjoni tal-istess reat ta' ferita gravi per durata a tenur tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminiali, kif ukoll fl-infrazzjoni tal-ligi kontemplata fl-artikolu 139A(b) tal-Kodici Kriminali".

Bir-rispett tali dikjarazzjoni ma ghandhiex mis-sewwa stante li la hija legalment korretta u lanqas ma hija msejsa fuq provi.

Jekk jittiehed kont tal-provi migbura min-naha l-wahda wiehed isib dak li qal il-prigunier u mill-banda l-ohra jsib dak li qalu l-imputati fl-In genere u fl-Istruttorja, dak li qalu x-xhieda l-ohra kollha, kif ukoll il-filmati ta' CCTV.

Ma hemm l-ebda prova, zghira kemm hi zghira, li b'xi mod turi kif l-awtur li kkaguna l-ferita gravi lil Perry f'xi hin, qabel ma Perry gie arrestat fi Triq tal-Borg, jew kif iddahhal fil-vettura, jew wara li nhareg mill-vettura, jew huwa u jittiehed lejn Division 6, dan l-awtur kellu l-intenzjoni li jagixxi bi ksur tal-artikolu 139A(b) u kellu nuqqas ta' rieda u kien l-esponenti li sahhahlu tali rieda ta' tpattija qabel ma infligga tali tpattija!

Bl-ebda mod u manjiera ma wiehed jista' jargumenta li tezisti xi prova li tista' b'xi mod tigi mfissra fil-kuntest kif jispjega l-Prof. Mamo u Dr V. Frendo Azzopardi.

Ghaldaqstant dan ifisser li dak li ghamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward ma kien xejn ghajr ezercizzju fejn l-Ewwel Qorti qabdet u accettat il-verzjoni moghtija minn Dr Scerri, minghajr ma' waqfet u hasbet jekk hemmx kwadru wiehed tal-fatti jew aktar, [u dana bhalma sejjer jigi muri aktar 'l isfel f'dan l-appell], u proprju sabiex tabbraccja *in toto* l-konkluzjoni ta' Dr Scerri, fl-assenza tal-provi, imliet tali assenza bil-kongettura u suppozizzjoni.

*2.b. il-provi fid-dawl tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali abbraccjat mal-artikolu 139A*

*2.b.i generali*

Fid-dawl tal-insenjament tal-Prof. Mamo u tar-*ratio legis* tal-artikolu 42(e) kif imfisser fi kliem il-*Crown Advocate* Dr V. Frendo Azzopardi, sabiex l-ewwel Qorti setghet tapplika l-artikolu 42(e) kellhom jingabu provi li jistghu jwiegbu s-segwenti mistoqsijiet:

a. min huwa l-awtur?

b. X’intenzjoni kellu dwar x’tip ta’ hsara ried jaghmel lil Perry Toornstra qabel ma effettivament ghamilha?
c. F’liema mument kellu nuqqas ta’ rieda li jattwa din l-intenzjoni tieghu gia koncepita f’mohhu?
d. F’liema mument din ix-xewqa tieghu ghamilha ben nota lill-appellant odjern?
e. Jekk gharraf l-intenzjoni tieghu lill-appellant, gharrfu b’mod car bizzejjed li l-appellant fehmu x’kienet l-intenzjoni tieghu?
f. Jekk l-appellant fehmu, b’liema mod car sahhahlu tali intenzjoni?
g. U meta sahhahlu l-intenzjoni tieghu? Qabel, waqt jew wara li ghamilha?

Bir-rispett u bla tlaqliq ta’ xejn jintqal mill-esponenti li provi li jwiegbu mqar wahda minn dawn il-mistoqsijiet ma hawnx in atti.

Il-kongettura, is-suppozizzjoni, is-suspett u l-fidi ma ghandhomx posthom fil-kawzi penali. Però a bazi ta’ dawn kollha li l-Ewwel Qorti waslet sabiex sabet lill-esponenti hati ta’ vjolazzjoni tal-artikoli 42(e) abbinat mal-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali.

*2.b.ii. il-verzjoni ta’ Toornstra*

Il-verzjoni minnu moghtija thalli *much to be desired*. Huwa jaghti verzjoni wahda b’hafna sfumaturi sottili, liema sfumaturi juru l-animu tieghu, ossia animu nocendi li akkost ta’ kollox irid jimplika lill-esponenti.

Ta’ min jinnota li l-istess Qorti tal-Magistrati ddikjarat li ma temminx lill-prigunier Toornstra, kienet l-istess Qorti li qablet li dan huwa bniedem twil hafna u vjolenti, kienet l-istess Qorti li qablet li fi Triq tal-Borg gewwa Rahal Gdid, Perry kien vjolenti u rrezista l-arrest, minkejja li huwa sahaq li ma kienx.

Perry Ingomar Toornstra jaghti varji verzjonijiet dwar fejn u meta sehhet l-aggressjoni li huwa suppost sofra. Huwa xehed darbtejn, darba fl-In Genere u darba fl-Istruttorja.

Fl-In Genere sahaq:

- *"The three officers started beating me in my face with their fists*" – folio 29 b'riferenza ghal Francis Meli, Francis Debono u ufficjal korrettiv iehor mhux maghruf[4].
- "*the front passenger, also a correctional officer, was beating me in my face and ribs. These were both the correctional officers named Frankie*" – folio 29[5].
- "*they were beating me up and kicking me all the time*" – folio 29 – b'riferenza ghal min mhuwiex maghruf[6].
- "*there were five SRT officers dragging me and kicking me*" – folio 29 b'riferenza ghal min mhuwiex maghruf[7].

Fl-Istruttorja sahaq:

- "*I gave them my hands and he handcuffed me. At the moment I was handcuffed they started beating me off, in my face*" – b'riferenza ghal Meli u Debono
- "*the other two I am not sure* " – b'riferenza ghal Falzon u Cuschieri
- "*they kicked me in my face and kicked me all over my body*" – b'riferenza ghal Meli u Debono

---

4 Ta' min jinnota li l-Maggur [CO125] James Abela pogga lilu nnifsu bhala wiehed min dawk li ssara mieghu f'dan il-lok

5 Dan ma jista' jkun qatt stante li Cuschieri jpoggi lilu nnifsu bhala l-passenger fil-vettura, stante li Debono minn Triq tal-Borg mar il-polyclinic sabiex jiddewwa wara li zloga siequ

6 Dan fi Triq tal-Borg fejn kien hemm tliet ufficjali – wiehed b'siequ zlogata [allura qatt ma seta' jzomm il-bilanc tieghu fuq sieq zlogata u jtieh bis-sieq bl-ohra - ossia Debono], l-iehor huwa Francis Meli l-ewwel ufficjal li qabdu u l-Maggur Abela.

7 Fl-ebda hin u mument ma Dr Scerri jishaq li l-griehi ta' Toornstra kienu kompatibbli ma xi hadd li kaxkar lil din il-persuna. Però Perry hawn jiddikjara li kienu hamsa u mhux sitta.

- Ghal rigward li gara fil-karrozza din id-darba jghid li z-zewg ufficjali hlief ix-xufier bdew ituh però ma jafx min huma[8]
- "*in the corridor they were still beating and kicking me*[9]" b'riferenza ghall-erba' imputati
- "*most of the time they were dragging me*[10]"
- "*they were about six...*[11]"

Dawn il-"provi", jekk qatt jistghu jissejhu hekk[12], bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni u/jew ta' xi *fictio legis* ma jistghu qatt jissarrfu bhala provi li a bazi taghhom jiskatta l-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali abbinat mal-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali.

B'dawn il-provi **suppost** ghandhom jigu mwiegba u sodisfatti l-elementi ta' dan l-artikolu in ezami bhalma jishqu l-Prof. Mamo u Dr V. Frendo Azzopardi. Umilment l-esponenti jwiegeb li bl-ebda mod u manjiera lanqas ma qeghdin vicin li tali elementi jkunu sodisfatti, tipprova kemm tipprova ggib il-bocca vicin il-lik, tuza kemm tuza immaginazzjoni.

*2.c. negative participation*

L-esponenti wisq jemmen li apparti l-fatti li l-Ewwel Qorti, fl-assenza tal-provi mliet tali assenza bil-kongetturi, supozizzjonijiet u suspetti, ghamlet zball legali iehor. Zball li

---

8 Jikkontradixxi lilu nnifsu fuq il-gwardjan li kien fil-passenger seat u jeskludi kompletament lil Falzon li kien ix-xufier.

9 Imgiddeb mhux biss mix-xhieda tal-Maggur Charlie u l-gwardjani Raymond Theuma u Carmel Camilleri, izda wkoll mill-filmat ta' CCTV li juri bic-car kif huwa dejjem mexa wahdu u li fl-ebda hin ma kien imkaxkar.

10 Vide footnote 6.

11 Vide footnote 6.

12 L-esponenti jemmen u jiddikjara li prova migjuba 'l quddiem li hija msejsa fuq gideb ma ghandha qatt tissejjah prova legali stante li din tkun ta' insult ghal kull min qatt ha l-pedana tax-xhieda u qal il-verità kollha.

huwa facli hafna li jsir ossia li kkonkludiet li l-fatt li ma waqfux lill-awtur milli jikkawza lil Toornstra l-ferita gravi, tali agir irendi lill-esponenti hati *by omission* jew bhalma jiddeskriviha l-Prof. Mamo fin-noti tieghu *negative participation*! Il-bran tas-sentenza citat fl-aggravju 2.a jsahhah il-konvinciment morali tal-esponenti li l-Ewwel Qorti hekk ghamlet.

Il-Prof. Mamo jaghti ezempju li ser jigi citat ai fini ta' kompletezza:

> *"A person who had merely intended the same crime and had manifested such an intention without doing any act towards the execution of it, is not in any way connected with the murder. In order that it may be said that a man has concurred in an offence committed by another, it is necessary that he should have done some effort for the offence to be committed, so that a casual connection can be traced between such an effort and the commission of the offence.*
> *From this it follows that:*
>
> ***Negative participation is inconceivable.*** *[sotto-linear tal-esponenti]. In fact, the essence of participation lies in active co-operation between the parties so that they are all joint causes of the offence. But no man can be the cause of anything which he did nothing to bring about: for instance, A has manifested to B his intention to kill C. B who himself desires the death of C rejoices at the idea and so does nothing to prevent the murder, to apprise the victim of his danger, or to disclose the fact to the police. If C is, in fact killed by A the law cannot punish B for his inaction: his attitude towards the crime was purely "negative" for he did nothing to aid or encourage it. The bare concealment of an offence contemplated by another or a tacit acquiescence does not make the person concealing or acquienscing a party to the offence. "*[13].

[13] Notes on Criminal Law (Part I) by Prof. A. Mamo published by GhsL, page 125

Il-Prof. Mamo aktar ’l isfel fit-taghlim tieghu, in konnessjoni mas-suggett in ezami jkompli u jishaq li:

> *“But the notion of negative complicity must not be confused with that of complicity by negative acts of omission which create a state of things favouring or facilitating the commission of an offence: as when for instance the servant omits to close the door of his master’s house in order that his confederates may let themselves in to commit a theft. This is not ‘inaction’ but a very positive contribution to the commission of the offence.[14]”*

Mill-provi prodotti, jista’ qatt jintqal li legittimament u ragjonevolment l-Ewwel Qorti qatt setghet tikkonkludi li f’dan il-kaz kien hawn xi *positive contribution to the commission of the offence* [ artikolu 139A(b)] da parti tal-esponenti vis-a-vis l-awtur?

Mill-provi prodotti, hawn xi provi fuq bazi ta’ *beyond reasonable doubt* li l-esponenti b’xi mod jew iehor holoq xi *state of things favouring or facilitating the commission of an offence* [artikolu 139A(b)]?

It-twegiba ghaz-zewg mistoqsijiet hija bla tlaqliq ta’ xejn LE.

3. **<u>It-tielet aggravju: l-apprezzament tal-provi l-ohra li javvallaw it-tezi tal-esponenti</u>**

Bir-rispett l-esponenti jishaq kif, legittimament u ragjonevolment, l-Ewwel Qorti seghet u kienet legalment korretta meta waslet ghall-konkluzjoni li l-griehi sofferti minn Toornstra

[14] Ibid.

huma kompatibbli ma resistenza tieghu matul l-arrest tieghu u dana stante li l-provi huma univoci f'dan is-sens[15].

Però manadakollu legittimament u ragjonevolment, l-Ewwel Qorti **qatt** ma setghet tikkonkludi a bazi tal-provi kif migbura li Toornstra kien vittima ta' tortura meta huwa kien qieghed mal-art.

L-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti kien tali li filwaqt li accettat li Perry huwa bniedem giddieb u vjolenti immens, madanakollu sabiex taqbel ma' dak li kkonkluda Dr Mario Scerri, ghazlet li tapprezza tali provi b'mod legalment zbaljat.

Ghal ahjar kjarezza tal-hsieb l-esponenti sejjer idur kull xhud wahdu mqabbel ma' dak li jghid Toornstra, sabiex b'hekk dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tara d-differenza kbira bejn Toornstra u kull xhud, *multo magis* bejn Toornstra [u l-gideb tieghu] fl-assjem tal-kaz kollu.

*3.1 Toornstra v. CO113 Raymond Theuma [mhux imputat]*

- ✗ Toornstra jghid li kien is-Sur Raymond li waqqaf lill-esponenti u l-ohrajn milli jkomplu jtuh u li dan l-ufficjal kellem lill-ufficjali l-ohra bl-Ingliz.
- ✓ Theuma jishaq l-oppost kemm fl-Ingenere u b'mod partikolari fl-Istruttorja.
- ✓ Theuma jishaq li Toornstra ried bil-forza jinheles miz-zamma ta' Cuschieri u Falzon, tant li huwa stess dahal sabiex jghin lil Cuschieri u Falzon[16].
- ✓ U dan sabiex iqajjem kommossjoni shiha qalb il-priguniera l-ohra bil-possibilità ta' xi rvell.
- ✓ Theuma jishaq li ma kienx hemm ufficjali ohra apparti huma t-tlieta.

---

[15] Riferenza hawn issir ghal paragrafu 4 pagina 14 tas-sentenza appellata.

[16] Ikkonfermata wkoll minn CO97 Carmel Tabone fix-xhieda tieghu moghtija fl-In genere nhar it-12/08/08 folio 50 tal-In Genere.

- ✓ Theuma jpoggi lilu nnifsu fil-keffa u jikkonferma kif huwa wkoll kellu juza l-forza sabiex jikkontrollaw lil Toornstra.
- ✓ Theuma jishaq li l-ufficjali l-ohra Abela u Bonnici gew wara li huma t-tlieta kkontrollaw lil Toornstra.
- ✓ Theuma jishaq li sakemm giethom l-ordni sabiex Toornstra jittiehed gewwa Division 6, huwa baqa' l-hin kollu ma' Toornstra ["Iva ma ccaqlaqtx minn hemm jiena"] u li fil-prezenza tieghu hadd ma mess lil Toornstra.
- ✓ Theuma jishaq li fl-ebda hin Toornstra ma kien mal-art hlief ghal mument meta huwa poggieh bil-qieghda mal-art.
- ✓ Theuma jishaq li dak kollu li huwa qieghed jghid jidher fic-CCTV footage. U hekk huwa, jekk wiehed jieqaf u jara l-footage esebit u mhux biss l-istills!!
- ✓ Theuma jikkonferma li huwa ftit li xejn jaf bl-Ingliz. Però meta thaddem il-buon sens, ufficjal li jrid iwaqqaf ufficjal iehor, meta l-prigunier jitkellem bl-Ingliz, sejjer tkellmu bl-Ingliz sabiex il-prigunier jifhmek?

*3.2 Toornstra v. Maggur Carmelo Bonnici [mhux imputat]*

- ✗ Toornstra fl-In Genere biss jishaq li dan il-Maggur flimkien ma' CO133 ordna lill-esponenti u lill-appellanti l-ohra sabiex ma jibqghux jaghtu lilu u li kien xhud tal-aggrssjoni li huwa sofra.
- ✓ Bonnici jikkonferma dak li qal l-esponenti u Theuma li Toornstra kien aggressiv u ried jidhol bil-forza gewwa s-Central Hall sabiex iqajjem panic.
- ✓ Bonnici jikkonferma li ghajr ghal Theuma, Cuschieri u Falzon ma rax gwardjani ohra mieghu.
- ✓ Fl-ebda hin ma ra xi swat.

*3.3 Toornstra v. r-records tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin*

- ✗ Toornstra fl-In Genere lill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera sahaq li huwa kellu *"a few incidents"*

- ✓ Skont ir-records tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin, Toornstra kellu ben 14-il kaz ta' dixxiplina – kazijiet varji ghal pussess ta' oggetti projbiti, importazzjoni ta' droga, glied ma' priguniera ohra u glied ma' ufficjali tal-istess Facilità!
- ✓ Jekk ghal Toornstra dawn huma *a few incidents*, ghas-socjetà Maltija zgur li ma huwiex hekk!

*3.4 Toornstra v. n-nurse Frances Tonna*

- ✗ Toornstra jishaq li, lin-nurse huwa talabha tabib immedjatament
- ✓ In-nurse tishaq l-oppost u tishaq li lilha kulma talabha kienu zewg Panadols
- ✓ Verzjoni din ikkonfermata sia mil-Maggur James Abela, kif ukoll minn CO145 Charles Agius [folio 241 et seq.] u minn CO133 Raymond Theuma.

*3.5 Toornstra v. L-appellant odjern*

- ✗ Toornstra fl-ezercizzju tal-*identification parade* jghid li l-esponenti kien sawtu fil-kuritur tal-Main Gate.
- ✓ Osservazzjonijiet:
  - a. Is-CCTV footage esebit minn Martin Bajada, juri kif ma sehhet l-ebda forma ta' alterazzjoni fil-kuritur tal-Main Gate
  - b. Perry fil-kuritur tal-Main Gate kien dejjem mal-esponenti, ma' CO 133 Theuma, mal-Maggur Abela, segwiti min-nurse Frances u l-ko-imputat Falzon
  - c. L-esponenti flimkien ma' CO133 Theuma u l-ko-imputat Falzon fil-kuritur tal-Main Gate zammewh milli jidhol lejn is-central hall
  - d. Il-kuritur tal-Main gate u l-kuritur tal-ufficcju tal-SRT ma humiex l-istess – vide l-pjanta tal-Perit Mario Cassar dok MP1
- ✓ Toornstra jeskludi lill-esponenti milli missu b'xi mod jew iehor fi Triq tal-Borg kif ukoll fil-vettura
- ✓ Toornstra jishaq li huwa fil-vettura kien kalm – mentri l-esponenti u l-ohrajn kollha jinsistu li Toornstra kien vjolenti hafna anke fil-vettura.

- ✓ L-esponenti u l-Maggur James Abela jishqu li kien l-esponenti li kien bilqedgha fuq wara ma' Toornstra, per toornstra jishaqq li fuq wara mieghu kellu lil Meli u li kien Meli li sawwtu fil-vettura.
- ✓ Il-verzjoni tal-fatti kif spjegata mill-esponenti hija korroborata kemm minn CO 133 Raymond Theuma, kemm mil-Maggur Abela, kemm mil-ko-imputat Falzon kif ukoll mill-footage

*3.6 Toornstra v. Maggur [CO125] James Abela [mhux imputat]*

- ✗ Toornstra fl-ebda hin u mument ma jaghmel riferenza ghal dan ix-xhud qisu lanqas biss jezisti dan l-ufficjal responsabbli mill-SRT.
- ✓ Mill-banda l-ohra dan il-Maggur li huwa responsabbli mit-taqsima tal-SRT mhux talli jpoggi lilu nnifsu f'kull fazi tal-incident mertu tal-proceduri, talli effettivament:
    1. Jikkonferma li ssara mieghu
    2. Jikkonferma l-ordnijiet li huwa ta lis-subalterni tieghu
    3. Jikkonferma li huwa mexa lura ma' Francis Debono lejn il-Facilità
    4. Jikkonferma kif Toornstra beda jiggieled mal-ufficjali kollha fi Triq tal-Borg
    5. Jikkonferma li meta Perry Toornstra beda jistira siequ mal-karrozza sabiex ma jidholx, **kien huwa personalment li ghawwiglu siequ sabiex dahhlu fil-vettura!**

F'dan il-kwadru tal-fatti, fejn l-Ewwel Qorti accettat li l-prigunier kien aggressiv hafna fi Triq tal-Borg, Rahal Gdid, fil-kuntest kollu li l-prigunier huwa bniedem twil hafna u ta' certu sahha, fil-kwadru li dan il-prigunier qieghed jissielet akkost ta' kollox li ma jridx jidhol fil-vettura u qieghed jaghti b'idejh immanettjati, fis-sitwazzjoni li bniedem qieghed jirrezisti b'siequ mal-genb tal-vettura milli jidhol fl-istess vettura, tqum il-mistoqsija, kif ghamel il-Maggur James Abela sabiex minghajr ma jindarab, ghawwiglu siequ lil Perry Toornstra sabiex dahhlu fil-vettura?

Thaddem il-buon sens u tikkonkludi s-segwenti:

a. Trid izzomm ’il boghod minn idejh sabiex ma jweggghakx, u fl-istess hin
b. Trid tuza forza sabiex tahsad lil min qieghed jirrezistik *for you to over-power him*

Liema huma dawk il-partijiet tal-gisem tant delikati u sensittivi li jgibu maghhom ugigh immedjat, fejn *you are brought to your knees*?

Il-kliewi – li jinsabu vicin ferm tat-8 u 9 kustilja!

Il-*bootmark* li kellu Perry, ossia prova cirkostanzjali li ma hijiex univoka, stante li tindika zewg ipotezijiet:

a. li seta’ kien mal-art u hemm qala’ d-daqqa ta’ sieq bhalma qieghed jallega huwa [però minghajr ma huwa kkorroborat minn hadd u min xejn], jew
b. seta’ kien qieghed bilwieqfa jissara sabiex ma jidholx fil-vettura, u bniedem minn warajh, tah daqqa ta’ sieq fl-gholi tal-kliewi *to over-power him* u jiddahhal fil-vettura!

## 4. Ir-Raba’ Aggravju - REASONABLE/LEGITIMATE FORCE IZDA MHUX SWAT

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent, u strettament minghajr pregudizzju ghall-fatt illi ma kienx l-esponenti li kkommetta l-ferita gravi fuq Toornstra u li lanqas ma ghandu jigi dikjarat li huwa komplici tal-istess ferita gravi, l-esponenti umilment jissottometti illi kwalunkwe griehi li gew rikonstrati fuq il-persuna ta’ Perry Ingoomar Toornstra jew: a) gew kommessi minnu stess fil-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Awwissu 2008, meta ghamel lejl shih jistabat ma’ kwalunkwe oggett li sab fic-cella tieghu[17]; jew inkella b) gew kommessi mill-ufficjali tal-habs involuti fl-incident li, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma kellhom ebda alternattiva ohra hlief li fil-qadi ta’ dmirijiethom japplikaw l-forza moderata u proporzjonata sabiex tigi zgurata l-osservanza tal-ligijiet.

[17] Fatt konfermat minn CO 145 Charles Agius a fol 243-244 tal-process, fejn sahansitra jghid li kien qisu indannat.

U dan l-uzu ta' forza moderata u proporzjonata l-esponenti jsostni li ma humiex ksur tal-ligi izda dak li huwa permess mill-istess ligi!!

L-esponenti ma hux ser jiddilunga fit-tul dwar dan il-principju izda jikkwota biss l-artikolu 11(2)[18] tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Habs, kif ukoll l-artikoli 96[19] u 98[20] tal-Kap 164 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Pulizija, li jawtorizzaw l-uzu tal-forza moderata u proporzjonata u jaddottaw it-test tar-ragjonevolezza.

Jibda biex jinghad li l-Ewwel Onorabbli Qorti accettat fis-sentenza taghha li:

> *"l-imputati kellhom –* ***kif del resto kien fid-dover taghhom li jaghmlu – juzaw il-forza*** *sabiex jarrestaw, irazznu u jikkontrollaw lill-prigunier evaziv."*[21]

U taghraf ukoll l-istess Qorti li:

> *"ma hemmx dubju li hafna mill-lezzjonijiet superficjali setghu kienu kompatibbli mas-sarar tal-ufficjali koncernati biex il-prigunier evaz jigi kkontrollat, imrazzan u mehud lura lejn il-habs ta' Kordin u mpoggi go cella."*

---

[18] *"Fit-twettiq ta' dmirijiethom gewwa habs u meta jkunu qeghdin iwettqu dmirijiet ta' skorta ma' prigunieri barra minn xi habs, l-ufficjali tal-habs ikollhom is-setgha li jwettqu dawk il-funzjonijiet, setghat u dmirijiet kollha li huma bil-ligi vestiti f'membru tal-Korp tal-Pulizija."*

[19]Art. 96 – *"L-ufficjali tal-pulizija jistghu juzaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista' tkun mehtiega sabiex tigi zgurata l-osservanza tal-ligijiet."*

[20] Art. 98 – *"Jekk tqum kwistjoni f'xi Qorti jew tribunal dwar kemm l-uzu tal-forza jkun wiehed ragjonevoli, ic-cirkostanzi prevalenti filwaqt meta tkun intuzat il-forza ghadhom ikunu l-kriterji biex tigi ezaminata dik ir-ragjonevolezza."*

[21] Pagna 14 tas-sentenza. Sottolinear tal-esponenti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti sahansitra tmur oltre u tiddikjara li:

> *"ma hijiex kredibbli li wara li tahrab mill-kustodja tal-imputati Meli u Debono, Toornstra arrenda malli lahqu l-imputat Meli fis-side street, kif jallega hu.* ***Il-verzjoni tal-imputati li Toornstra irrezista l-arrest u baqa' aggressiv kemm fil-karozza u wkoll wara li dahlu l-habs hija aktar kredibbli."***

U f'pagna 15 tas-sentenza terga' tiddikjara li l-ufficjali tal-habs kellhom:

> *"jafferraw, irazznu u jikkontrollaw – anke permezz tal-immanettjar – lill-prigunier evaz, li kif digà nghad ma hemmx dubbju li offra certu ammont ta' rezistenza lill-istess ufficjali, li kellhom kull dritt li juzaw il-forza meqjusa fuq il-prigunier mahrub."*

Mandakollu, però, xorta wahda, l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghazlet, [ghal-liema raguni l-esponenti ghadu, bir-rispett, ma jistax jifhem] li, taghmel distinzjoni bejn il-feriti gravi u dawk hfief, u filwaqt li qalet li dawk il-feriti hfief kienu gustifikabbli, minhabba li fic-cirkostanzi kien fid-dover tal-ufficjali li juzaw il-forza, mill-banda ohra ghogobha tikklassifika l-ferita gravi bhala swat!!

L-Ewwel Onorabbli Qorti tghid li t-tliet feriti fejn hemm il-marki taz-zraben fuq Toornstra:

> *"jindikaw illi xi hadd jew xi whud mill-ufficjali koncernati akkanixxew ruhhom kontra l-prigunier evaz, billi uzaw forza zejda mhux mehtiega kif anke osserva l-istess espert Dottor Scerri".*

Huwa car però minn dawn il-brani tas-sentenza supra citati, kif ukoll mill-kumplament tas-sentenza, li:

**a)** Hemm kontradizzjoni shiha fir-ragunament li addottat il-Qorti dwar il-feriti sofferti, liema ragunament wassal *inter alia* ghas-sejbien ta' htija taht l-artikolu 139A;

**b)** L-Ewwel Onorabbli Qorti ma dahlitx, bir-rispett, fil-kwistjoni ta' xi tghid il-ligi u l-gurisprudenza dwar il-forza uzata minn ufficjali f'cirkostanzi simili;

**c)** L-Ewwel Onorabbli Qorti allura *multo magis* ma ezaminatx parti sostanzjali tat-testimonjanzi fid-dawl tal-insenjamenti imsemmija f'punt (b); u

**d)** Fl-ahhar nett, konsegwentament, kienet, bir-rispett, skorretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta serrhet esklussivament fuq il-konkluzjoni ta' Dottor Mario Scerri rigward is-swat.

## a) Kontradizzjoni fir-ragunament

L-esponenti, b'kull dovut rispett, ma jistax jifhem, kif filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma emmnitx il-verzjoni ta' Toornstra u ddikjarat li qed taccetta l-verzjoni tal-imputati, u cioè, li Toornstra mhux biss baqa' jirrezisti l-arrest izda sahansitra baqa' jkun aggressiv anke sa wara li dahhluh il-habs, mill-banda però, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha ssib lill-imputati kollha hatja talli kkommettew atti ta' tortura ai termini tal-artikolu 139A (b) sabiex Toornstra allegatament jigi kkastigat!! – Dan meta l-Ewwel Qorti ddikjarat fl-istess nifs li l-istess ufficjali *"uzaw il-forza sabiex jarrestaw, irazznu u jikkontrollaw lill-prigunier evaz"*[22], kif del resto kellhom id-dover li jaghmlu, wara li *"Toornstra irrezista l-arrest u baqa' aggressiv kemm fil-karozza u wkoll wara li dahhluh il-habs"*[23]

---

[22] Pagna 14 tas-sentenza.

[23] Pagna 14 tas-sentenza.

Dan per se, l-esponenti umilment jissottometti bir-rispett, illi digà jwassal biex id-dikjarazzjoni ta' htija ghandha titqies bhala wahda *unsafe and unsatisfactory*, u ghaldaqstant l-esponenti ghandu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Kif jista', bir-rispett, individwu l-ewwel jaccetta li l-ufficjali kellhom juzaw il-forza biex jafferraw, irazznu u jikkontrollaw lill-individwu li baqa' vjolenti sal-ahhar, izda mbaghad fl-istess nifs jghid li l-istess ufficjali sawtu u kkastigaw lill-istess Toornstra??

L-Ewwel Onorabbli Qorti tghid, dejjem bir-rispett, skont Hi, li l-istess ufficjali jew uhud minnhom akkanixxew ruhhom. L-Ewwel Qorti però b'kull dovut rispett, ma ghamlitx apprezzament approfondit tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan in-nuqqas jidher mhux biss mill-kuntradizzjoni gravi li hemm indikata fl-istess sentenza, izda wkoll min-nuqqas tal-istess Qorti li taghmel apprezzament tad-dottrina tal-uzu tal-forza f'kazijiet simili ghal dan in kwistjoni, fid-dawl tal-provi kollha li gew ipprezentati.

**b) Dottrina fuq l-uzu tal-forza ragjonevoli u proporzjonali**

L-istess linji gwida miktuba ghall-pulizija ezekuttiva ta' Malta fil-qadi ta' dmirijietha jindikaw li t-test tar-ragjonevolezza msemmi fil-ligi huwa wiehed kemm soggettiv kif ukoll oggettiv:

> *"din ir-ragjonevolezza mbaghad trid titkejjel fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz meta ntuzat il-forza; b'hekk it-"test" huwa wiehed oggettiv cioè, x'kien jaghmel bniedem ragjonevoli, kwalifikat b' "test" soggettiv, cioè, x'kien jaghmel fic-cirkostanzi tal-kaz."*[24]

Fil-kaz storiku ***Graham v Conor***, deciz fl-1989, il-Qorti Suprema sahansitra wissiet lill-Qrati inferjuri dwar *"the tendency to second-guess officers"* u qalet testwalment:

[24] Pagna 35 tal-Kodici tal-Etika tal-Pulizija Ezekuttiva hekk kif ippublikat www.pulizija.gov.mt

*"The reasonableness of a particular use of force is to be judged from the perspective of a reasonable officer on the scene, rather than with the 20/20 vision of hindsight. Not every push or shove, even if it may later seem unnecessary in the peace of a judge's chambers, violates the Fourth Amendment. The calculus of reasonableness must embody allowance for the fact that police officers are often forced to make split-second judgments - in circumstances that are tense, uncertain, and rapidly evolving – about the amount of force that is necessary in a particular situation."*

Fil-kaz ta' ***Palmer vs R***, il-Qorti tal-Appell Ingliza qalet ukoll:

*"if there has been an attack so that defence is reasonably necessary, it will be recognized that a person defending himself cannot weigh to the nicety the exact measure of his necessary defensive action. If a jury thought that, in a moment of unexpected anguish, a person attacked had only done what he honestly and instinctively thought was necessary, that would be most potent evidence that only reasonable defensive action had been taken."*

Dwar il-fatt li wiehed irid ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u mhux jittratta dwar l-allegati feriti *in a vacuum*, insibu mbaghad il-kawza ***Johnson v Glick*** li tghid:

*"in determining whether the constitutional line has been crossed, a court must look to such factors as the need for the application of force, the relationship between the need and the amount of force that was used, the extent of the injury inflicted and whether force was applied in a good faith to maintain or restore discipline or maliciously and sadistically for the very purpose of causing harm."*

Dawn il-brani supra kollha juru kif huwa ezercizzju kkumplikat u delikat li wiehed janalizza l-uzu tal-forza minn ufficjali tal-habs fuq prigunier li jirrezisti l-arrest u jkun vjolenti u tant kien vjolenti li sahansita l-Qorti stess taccetta li l-ufficjali tal-habs kellhom id-dover li juzaw il-forza sabiex irazznuh.

Wiehed irid ghalhekk, effettivament jaghmel analizi dettaljata tac-cirkostanzi tal-kaz, tad-durata u l-effetti tal-incident in kwistjoni, tas-sess, età, stat fiziku tal-prigunier, kif ukoll tal-passat tal-istess prigunier, apparti ovvjament il-komportament tieghu fil-hin stess tal-incident.

Mhux kull ferita gravi kagunata fuq prigunier li jkun harab mill-habs ghandha tigi klassifikata bhala swat u allura bi ksur tal-artikolu 139A!!

Jekk il-ferita tkunx giet ikkagunata bi ksur tal-artikolu 139A huwa gudizzju li jrid isir mill-gudikant wara li jifli l-provi kollha tal-kaz. U l-esponenti umilment jissottometti illi kwalunkwe griehi li setghu gew kommessi fuq Toornstra kienu, bir-rispett, kollha ragjonevoli u necessarji propju sabiex l-ufficjali kollha involuti jkunu jistghu jaqdu dmirhom u jarrestaw, irazznu u jikkontrollaw lill-prigunier evaz – liema prigunier kien vjolentissimu mill-bidu nett tal-harba tieghu sa xhin iddahhal lura l-habs.

L-esponenti sejjer jghaddi biex juri kif din l-umili dikjarazzjoni hija korroborata mill-istess provi, però, qabel ma jghaddi sabiex jaghmel dan, huwa jaghmel umili referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Hurtado v Switzerland,*** deciza mill-Qorti Ewropea, fit-28 ta' Jannar 1994[25].

Dan kien kaz kwazi identiku ghall-kaz in kwistjoni. Hawnhekk, il-pulizija biex jarrestaw lill-applikant kienu tefghu *stun grenade* qabel ma dahlu fl-appartament li fih kien l-applikant, u gie allegat li l-ufficjali tal-pulizija sawtuh sakemm tilef konoxxenza. Irrizulta li l-applikant sofra ksur tal-kustilja u griehi ohra. Madanakollu, il-Qorti ddecidiet illi l-

[25] ECHR 1754/90

griehi sofferti mill-applikant ma kienu jikkostitwixxu l-ebda ksur ta' ligi da parti tal-ufficjali responsabbli mill-arrest tieghu minhabba li kien *"a potentially violent suspected drug trafficker."*

<u>Jigi imfakkar kif fil-kaz in kwistjoni l-priguneir huwa mhu biss potenzjalment vjolenti izda effettivament vjolentissimu u digà misjub hati ta' traffikar ta' droga.</u>

**c) X'inhuma l-provi relevanti sabiex tigi determinata jekk l-uzu tal-forza kinitx legittima jew le?**

L-esponenti ma hux ser jiddilunga fit-tul dwar il-verzjoni li ta Perry Ingoomar Toornstra quddiem dina l-Onorabbli Qorti u l-kontradizzjonijiet, gideb u inversomiljanzi li huwa hati taghhom, ghaliex hawnhekk jikkondivi pjenament il-konkluzjoni tal-Qorti li l-verzjoni tieghu ma hijiex kredibbli.

Ghaldaqstant, ser jghaddi biex jigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ghal certu brani krucjali fit-testimonjanzi ta' xhieda partikolari li fl-umili fehma tal-esponenti huma importantissimi biex jikkorroboraw dak li jsostni l-esponenti u cioè li kwalunkwe forza uzata kienet legittima.

L-esponenti sejjer jaqsam din il-parti billi l-ewwel janalizza l-brani li jitkellmu dwar il-karattru ta' Toornstra in generali, imbaghad jghaddi sabiex janalizza l-provi li jitkellmu dwar l-incident mertu ta' dan il-kaz.

**c.1) Il-karattru ta' Toornstra in generali**

Din l-evidenza dwar il-karattru ta' Toornstra in generali hija vitali fil-kaz in kwistjoni ghaliex apparti li turi x'tip ta' bniedem hu, turi wkoll il-forza u l-mizuri li kellhom jiehdu l-imputati fil-kaz in kwistjoni sabiex effettivament jikkontrollawh, propju ghaliex huwa bniedem li difficli tikkontrollah.

It-testimonjanza tad-direttur tal-Habs Abraham Zammit, PC 447 Julian Saliba, PS 1404 Anthony Cutajar u CO 79 David Scerri huma lkoll, fl-umili fehma tal-esponenti prova cara tal-fatt li Toornstra huwa bniedem: perikoluz u vjolenti u mhux semplicement potenzjalment perikoluz; huwa bniedem insolenti li wera nuqqas ta' rispett lejn l-ufficjali u sahansitra kien hemm okkazjonijiet fejn naqas milli jobdi l-ordnijiet moghtija lilu; bniedem li, una volta jinkixef li jkun kiser il-ligi jew proceduri interni tal-habs, ma jaqbadx jammetti u jiskuza ruhu, izda jkompli jakkanixxi ruhu sabiex jipprova xorta wahda jgibha zewg. Toornstra huwa bniedem allura, li mhux biss huwa twil u f'sahhtu u jigri hafna[26], izda di più huwa bniedem li minhabba l-passat tieghu, ma tistax tafdah u jaf ikun vjolenti ferm, b'diffikultajiet biex jigi kkontrollat anke minn numru ta' ufficjali.

- Supt. Abraham Zammit

Id-direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin jixhed a fol 238 tal-process, li l-problemi ta' dixxiplina fil-konfront ta' Toornsta bdew propju ftit granet wara li dahal. A fol 239 tal-process u fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Novembru 2013, insibu mbaghad li Toornstra attakka u hebb ghal minimu ta' 3 inmates ohra, f'incident partikolari iehor fejn ipprova jdahhal xi sustanza fi stocc tal-Palmolive tal-lehja, sahansitra kellhom jissejhu aktar ufficjali sabiex jikkontrollaw lil Toornstra, u di più, meta nghatat it-testimonjanza mid-Direttur, l-istess Toornstra kien ghad baqaghlu tliet proceduri dixxiplinari kontra tieghu pendenti.

- PS 1404 Anthony Cutajar

Fix-xhieda ta' dawn l-ufficjali tal-habs insibu stampa cara ta' x'tip ta' vjolenza kien jaghmel kontra l-ufficjali tal-habs meta jirvilla u konsegwentament allura

---

[26] "Lawyer: What is your height? Witness: My height is 1.97m.

Lawyer: And you run fast? Witness: Quite fast yes."

x'tip ta' forza kellha tintuza mill-ufficjali sabiex jikkontrollawh. L-esponenti ma hux ser jiddilunga fit-tul dwar din ix-xhieda izda ser jikkwota verbatim is-segwenti brani li l-esponenti jhoss li jitkellmu wehidhom:

*"Hu kien ipprova jahrab minni, hatafhomli u domna nissaraw madwar 8 minuti u kelli nghajjat anke assistenza ta' 8 ufficjali ohra biex irnexxielna nikkontrollaw lil dan il-persuna. Kien ferm vjolenti dakinhar...."*[27]

*"Il-vjolenza dakinhar kienet aggressiva specjalment wara li jiena waqqaftu tliet darbiet biex nieqaf jien kelli naqbez fuqu u nikkontrollah u baqa' jxejjirli d-daqqiet biex jipprova jahrab minni u jibla dawn it-tlett bococ li kellna tad-droga. Fil-fatt bqajna nitkaxkru u nissaraw madwar l-14-il pied sakemm giet l-ghajnuna biex tghini biex stajna nimmanetjawh..........Kien sar aggressiv iktar minn qabel u konna nircievu diversi rapporti illi kif kien ikollu xi jghid ma' prigunier iehor kien jinfexx fi vjolenza....."*[28]

- PC 477 Julian Saliba

Dan l-ufficjal informa lill-Qorti li ghalkemm kien ilu jahdem 16-il sena u nofs fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin u li dak iz-zmien li Toornsrta kien detenut huwa kien mal-*Ispecial Response Team* bi training kontinwu ta' *riot handling* u b'ezercizzju fiziku kontinwu[29], nonostante l-premess, meta nqala' l-incident li fih kien involut ukoll PS 1404 Cutajar, Toornstra[30] ta kedda kbira lil Saliba sabiex jikkontrollawh.

---

[27] Fol 270 tal-process. Sottolinear tal-esponenti

[28] Fol 271 tal-process. Sottolinear tal-esponenti

[29] Fol 283 – twil 193 cms u jizen 140 kgs u fizikament kien fit hafna.

[30] Li kien itwal minnu u li kien jitrennja fil-gym regolament – vide fol 285 u 286 tal-process.

Infatti insibu s-segwenti brani:

*"…u ahna kellna nuzaw forza kbira…..konna jiena u s-surgent Toni u CO 79, kellna nuzaw forza kbira biex ikkontrollajna lill-prigunier ghax dan apparentament, hemm sentenza tal-Qorti minnha….u spiccaw jitqallbu mal-art"*[31]

*"Kien aggressiv hafna ghax dan hemmhekk meta jkollna argument alright il-bniedem ikun rrabjat imma jekk tghidlu ieqaf jew jekk qed jarak tuza certu, jieqaf imma dan litteralment out of control kien. Tipprova tkellmu u jinjorak kompletament…..Drained kompletament. Tana kedda ta' vera hux."*[32]

- CO 79 David Scerri

Similarment ghall-kollegi tieghu, David Scerri jikkonferma li Toornstra:

*"Hu high risk u hu fih tifel u ma hemmx ufficjal fih daqsu hemmhekk zgur jigifieri l-habs. U mhux hekk biss, anke li kien qasir bl-affarijiet li jaghmel ma nafdawhx."*[33]

---

[31] Fol 284 tal-process.

[32] Fol 286 tal-process.

[33] Fol 292 tal-process.

*"Ma stajniex inzommuh lil dan il-bniedem u li kieku ma gewx tnejn ohra SRT, dan tana kedda kbira, gabna zibel jigifieri u beda jissara hafna maghna.....Kien qed juza hafna forza li jista'. Il-forza li kellu kollha uzaha maghna biex ahna ma nehdulux id-droga u lilna jigifieri gabna nitmieghku mal-art mieghu ghax hu fih tifel hux. Jiena u s-surgent lanqas deherna hdejh. Imnalla gew tnejn ohra."*[34]

*"Meta nghidlek gabna zibel, bl-uniformi imqatta' u bil-qalziet, qed tifhem."*[35]

**c.2) Xhieda li jitkellmu dwar l-incident mertu tal-kaz**

Ovvjament, minhabba ragunijiet legali, u cioè li x-xhieda ta' ko-imputat ma hijiex prova la favur jew kontra ko-imputat iehor, l-esponenti ma hux ser jaghmel referenza ghat-testimonjanza tal-ko-imputati l-ohra fl-istess proceduri. Madanakollu, ser jaghmel referenza ghat-testimonjanza tal-Maggur [CO 125] James Abela u CO 113 Raymond Theuma li mhumiex ko-imputati u li xehdu wkoll dwar il-forza u r-rezistenza li ghamel Toornstra fil-kaz in kwistjoni.

- CO 125 James Abela

Dan l-ufficjal jikkonferma u jkompli jikkorrobora lill-esponenti meta jghid li Toornstra kien vjolentissimu u ma wera l-ebda sinjali li ser icedi l-armi, u li konsegwentament kellhom juzaw bilfors certu ammont ta' forza huma biex jikkontrollawh, b'mod partikolari meta dan ma ried bl-ebda mod jidhol fil-Mazda meta waqqfuh fil-Pjazza ta' Rahal Gdid. L-ufficjal Abela jghid infatti:

*"Xhud: Kien qed jirrezisti dak il-hin.*

---

[34] Fol 294 tal-process.

[35] Fol 295 tal-process.

*Avukat:* *bilwieqfa? Mal-art?*

*Xhud:* *Bilwieqfa. Hin minnhom kien qisu ma jkun mal-art….Beda jirrezistina.*

*Avukat:* *Sadanittant intom kontu allura erbgha.*

*Xhud:* *Gejna hamsa.*

*Avukat:* *U dan jirrezistikom u ma tistghux iddahhluh fil-karozza.*

*Xhud:* *Iva ma stajniex indahhluh fil-karozza.*

*Avukat:* *Meta tghid li ma stajtux iddahhluh fil-karozza, x'kien qed jaghmel biex ma stajtux iddahhluh fil-karozza?*

*Xhud:* *Beda jirrezistina. Jimbotta. Hin minnhom qabbad siequ mal-karozza stess u jimbotta lura. U minn hawn u minn hemm dahhalnieh insomma fil-karozza u tant kemm dahhalnieh mhux kif suppost li hu gie mimdud fuq is-seat ta' wara u kien hemm ufficjal fuq wara wkoll.*

….

*Xhud:* *Ovvjament bdejna naghmlu certa forza biex indahhluh lil dan."*

- CO 113 Raymond Theuma

Dan l-ufficjal ukoll jikkonferma li Toornstra kien vjolenti u baqa' jissara sa xhin effettivament iddahhal il-habs. Is-sur Theuma jghid infatti:

"*Xhud:* *Kif wasalt hemmhekk nara lill-inmate jissara huma u dehlin mit-tarag bih.*

…..

*Xhud:* *Kien Perry Ingoomar Toornstra li kien gej minn xi prison leave. Sibtu hemmhekk jissara mal-ufficjali l-ohra, kien qed immanettjat ovvajment, jissara ma' ufficjali ohra diehel direzzjoni lejn is-Central Hall. Kif rajt hekk jiena intervjenejt billi dahhalnieh lejn l-ufficcju taghna.*

.....

| | |
|---|---|
| *Avukat:* | *Ghalkemm kien immanettjat, kien qed jirrezisti b'liema mod?* |
| *Xhud:* | *B'hiltu kollha sabiex jibqa' sejjer fid-direzzjoni tas-Central Hall. Dan ried imur direzzjoni tas-Central Hall u b'hekk intervjenejt…"* |

Xi jfissru dawn it-testimonjanzi kollha?

Ifissru li kwalunkwe griehi allegatament sofferti minn Toornstra kienu konsegwenza ta' forza necessarja u ragjonevoli propju minhabba l-forza li kien qed jaghmel hu fil-konfront tal-ufficjali.

Id-dottrina tal-*legitimate use of force*, tiddetta illi jrid ikun hemm proporzjonalità bejn il-forza, il-vjolenza u r-rezistenza da parti tal-prigunier komparata mal-agir tal-ufficjali. Dan ifisser ghalhekk li huwa krucjali li wiehed irid jara z-zewg fatturi biex janalizza jekk hemmx proporzjonalità o meno u mhux sempliciment jigu ezaminati l-griehi allegatament sofferti mill-prigunier. Rezistenza kbira da parti tal-prigunier, timporta necessarjament u ragjonevolment reazzjoni kbira da parti tal-ufficjali tal-habs. U l-esagerazzjoni o meno tar-reazzjoni ma titkejjilx go vacuum mil-lenti biss ta' dak li jkun qed ihares lejn l-agir tal-ufficjali, izda trid bilfors taghti konsiderazzjoni tal-komportament tal-prigunier.

Fil-kaz in kwistjoni, u fid-dawl tat-testimonjanzi kwotati, l-esponenti anzi jirringrazzja lil hanin Alla li s-sitwazzjoni spiccat b'zewg imputati jsofru griehi hfief biss u mhux aghar, ghax li kieku ma rnexxilhomx jikkontrollawh (u dan wara li kellhom jintervjenu almenu 6 ufficjali), jew kienu jweggghu serjament huma jew inkella wisq probabbli Toornstra kien jibqa' mahrub ghal aktar minn ftit minuti biss!

Ammonit bil-provi li jikkorroboraw kemm huwa bniedem perikoluz u vjolenti, u edott mit-testimonjanzi kwotati supra, apparti dik tal-esponenti, fl-umili fehma tal-esponenti huwa naturali li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li kwalunkwe griehi li sofra Toornstra kienu propju minhabba fir-rezistenza li offra u r-reazzjoni necessarja, konsegwenzjali, ragjonevoli u di più legittima li kellhom jaghmlu l-ufficjali – mhux minhabba allegat kastig!

Dan kollu jwassal lill-esponenti biex, jikkonkludi wkoll li kienet bir-rispett, skorretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta serrhet esklussivament fuq il-konkluzzjoni ta' Dottor Mario Scerri rigward il-*boot marks* li skont it-tabib huma kompatibbli ma' swat.

### d) Il-konkluzzjoni tat-tabib Mario Scerri

Jidher car mir-rapport tal-espert Mario Scerri li huwa ezamina biss il-griehi fuq il-persuna ta' Toornstra u ha biss il-verzjoni tal-istess Toornstra. Ghalhekk isegwi li kien biss a bazi tal-verzjoni tal-fatti li ta Toornstra li t-tabib wasal ghall-konkluzjoni tieghu li l-ferita gravi hija kompatibbli ma' swat.

L-esponenti jerga' ghall-ennezima darba bir-rispett, jaghmel referenza ghal dak li jiddetta l-buon sens u cioè li biex wiehed jezamina kwistjoni ta' proporzjonalità bhal fil-kaz in kwistjoni, wiehed irid bilfors jezamina zewg fatturi u mhux wiehed biss. Wiehed irid bilfors janalizza l-forza u l-vjolenza imposta minn naha u r-reazzjoni konsegwenzjali minn-naha l-ohra. Wiehed irid jara l-*cause and effect*. U mhux l-*effect* biss!!

Madanakollu insibu fir-rapport tat-tabib li:

i) Ezamina biss il-griehi fuq  Toornstra;
ii) Sema' l-verzjoni ta' Toornstra biss – liema verzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li ma hijiex veritjiera;
iii) Ma semax il-verzjoni tas-sitt ufficjali li kienu involuti fir-ri-arrest, trazzin u kontroll – liema verzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti accettat li hija aktar kredibbli;

iv) Ma rax u lanqas biss ma kien a konjizzjoni tal-griehi li soffrew iz-zewg ufficjali Meli u Debono;

v) Ma kienx a konjizzjoni tal-incidenti kollha passati li kellu Toornstra fil-habs, u ta' kemm kien b'sahhtu f'dawn l-incidenti u kemm kien hemm bzonn ufficjali biex jikkontrollawh;

L-esponenti jaghmilha cara li huwa bl-ebda mod ma jixtieq jigi interpretat li qed jattakka l-bqija tar-rapport tat-tabib Mario Scerri, izda mill-banda l-ohra l-esponenti umilment jissottometti li: a) tenut kont in-nuqqas ta' informazzjoni li biha kien moghni t-tabib; u b) tenut kont tal-fatt li hawn ried jigi determinat l-element ta' proporzjonalità, it-tabib, bir-rispett, qatt ma seta' jasal ghall-konkluzjoni li ghamel rigward l-allegat swat.

Konsegwentament, kienet bir-rispett, skorretta, l-Ewwel Onorabbli Qorti meta f'pagna 15 tas-sentenza tghid li *"tikkondividi l-osservazzjoni f'waqtha tal-espert mediku, li dawn id-daqqiet bil-qiegh taz-zarbun….marru oltre mill-forza legittima li kellhom il-htiega juzaw l-ufficjali tal-habs biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni."*

Kif tista' l-Qorti, bir-rispett, tikkondividi opinjoni ta' espert li ma kienx edott b'mod komplet tas-sitwazzjoni - anzi kien zgwidat??!!

Kif tista' Qorti tikkondividi opinjoni ta' espert meta l-espert serrah fuq xiehda ta' individwu li l-istess Qorti qalet li huwa giddieb??!!

Kif tista' l-Qorti tikkonkludi li kien hemm t-tortura bi ksur tal-artikolu 139A(b), meta l-uniku persuna li jallega s-swat il-Qorti tiddikjarah giddieb?

Liema prova ohra allura suppost wasslet biex jigi ppruvat t-tortura jekk il-kumplament tal-provi isahhu t-tezi tal-esponenti u cioè li Toornstra tant kien vjolenti li kellha bil-fors tigi applikata certu ammont ta' forza biex jikkontrollawh?

Xi prova ohra suppost wasslet ghall-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li kien hemm il-kastig bi ksur tal-artikolu 139A(b) jekk provi ohra ma hemmx?

L-esponenti kien digà ssottometta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li huwa ma jaqbilx ma' dik il-parti fir-rapport tat-tabib Mario Scerri fejn huwa kkonkluda li l-griehi tal-boot marks kienu swat. Mandakollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti rribattiet ghal din is-sottomissjoni billi kkritikat lid-difiza li ghazlet li ma taghmilx il-kontro-ezami lill-istess tabib!! B'kull rispett però, l-esponenti ghal darb'ohra ma jaqbilx ma' dan il-kumment.

Jekk kien car li t-tabib ma kienx kellem lil kull min kien involut fl-incident u ma kienx a konjizzjoni tal-griehi sofferti mill-ufficjali u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma kien hemm l-ebda bzonn u skop li jsir il-kontro-ezami!! – Dan apparti l-fatt li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u jekk certi elementi l-prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex tippruvahom, id-difiza ma hijiex obbligata li tissanhom hi stess!!

## 5. <u>Il-Hames Aggravju - OSSERVAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET UNSAFE AND UNSATISFACTORY</u>

L-esponenti umilment jissottometti illi certi frazijiet fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, huma bir-rispett, kontradittorji u bazati fuq inkorrettezzi.

L-esponenti ma jistax, bir-rispett, jifhem kif f'temp ta' zewg faccati fis-sentenza, cioè pagni 14 u 15[36], l-Ewwel Onorabbli Qorti tghid li: ma temminx il-verzjoni ta' Toornstra izda temmen il-verzjoni tal-imputati; tghid li l-imputati kellhom id-dover f'dan il-kaz li juzaw il-forza sabiex jikkontrollaw lil Toornstra; tkompli tghid li l-lezzjonijiet superficjali kienu kompatibbli mas-sarar tal-ufficjali propju sabiex jikkontrollaw lil Toornstra; izda fl-ahhar tasal biex taqbel mal-konkluzjoni tat-tabib Mario Scerri li d-daqqiet bil-qiegh taz-zarbun kienu swat!!

[36] Brani digà citati estensivament fil-bidu tar-raba' aggravju.

Kif tista' Qorti tiddikjara li qed temmen il-verzjoni tal-imputati – verzjoni li mkien ma ssemmi swat jew eccess tal-forza – izda mill-banda l-ohra tikkonkludi li l-istess imputati huma hatja ta' swat u tkompli tamplifika l-konkluzjoni ta' swat sabiex issib htija ai termini tal-artikolu 139A??

Kumment iehor li l-esponenti umilment itenni li ghal darb'ohra juri kif is-sentenza hija wahda unsafe and unsatisfactory huwa dak misjub f'pagna 17 tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti taccetta *"li ma giex pruvat il-post fejn inghataw id-daqqiet biz-zarbun"*.

Din id-dikjarazzjoni:

i) Turi li kif sottomess fit-tieni u t-tielet aggravju ta' dan l-umili appell, ma hemmx provi ta' min effettivament kkommetta dawn l-allegati daqqiet ta' zarbun – ghaliex lanqas biss il-post ta' fejn gew kommessi dawn id-daqqiet ma rnexxielha tiddecifra l-Ewwel Onorabbli Qorti;

ii) Tikkorrobora s-sottomissjoni tal-esponenti li ma hijiex korretta l-konkluzjoni li d-daqqiet biz-zarbun jammontaw ghal ksur tal-artikolu 139A(b).

- ✓ Jekk lanqas biss taf fejn gew kommessi d-daqqiet?
- ✓ Jekk lanqas biss taf allura jekk id-daqqiet inghatawx fil-mument li Toornstra kien qieghed idejh mas-saqaf tal-Mazda u saqajh stirati mal-mudguard tal-vettura biex ma jidholx fl-istess vettura, fejn allura ried bilfors jigi mbuttat minn wara biex idahhluh fil-vettura?
- ✓ Jekk lanqas biss taf jekk id-daqqiet gewx kommessi fil-mument li dan kien qed jixxuttja saqajh *left-right-and-centre* minn gol-vettura u allura kellu jigi kontrollat b'mod iehor?
- ✓ Kif tista' tghid li dawn id-daqqiet inghataw b'eccess tal-forza u mhux b'semplici reazzjoni necessarja u ragjonevoli ghall-istess rezistenza u vjolenza li kien qed joffri Toornstra stess?

## 6. Is-Sitt Aggravju

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti jemmen u jissottometti li fl-isfond kollu tal-kaz, fid-dawl tal-antecedenti tal-prigunier, fid-dawl tal-clean conduct tal-esponenti, fid-dawl tal-fatt li dan huwa a first time offender, fid-dawl tal-fatt li l-United Nations Convention against Torture ma tipprekludix pieni alternattivi ghal dik ta' prigunerija effettiva, l-esponenti jissottometti li l-piena fuqu imposta setghet tkun aktar miti, gusta u ekwa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.
Illi aggravju li tqajjem mill-appellant hu rigward ir-relazzjoni tal-espert forensiku Dr. Mario Scerri. L-appellant qed jilmenta li l-espert inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti mar oltre l-inkarigu lilu moghti u semgha biss il-qampiena tal-prigunier minghajr ma ta ebda kaz tal-versjoni tal-appellant. L-ewwel Qorti nkludiet fid-decizjoni taghha u irraportat verbatim il-konkluzjonijiet milqugha mill-espert mediko-legali. L-ewwel Qorti strahet fuq il-konkluzjonijiet milqugh mill-espert mediko-legali. Il-feriti li garrab il-prigunier kienu kollha ta' natura hafifa hlief ghall-frattura tad-disa' kustilja fuq in-naha tal-lemin. L-espert mediko-legali jattribuxxi din il-frattura ghal trauma diretta maghmula minn qiegh ta' zarbun u din il-ferita hi wahda 'per durata'. L-espert imur oltre u jghid li hemm seje ta' lezjonijiet li huma kompatibbli ma swat. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa hawn li l-espert mar oltre. L-espert kellu jillimita ruhu ghall-ezami tal-feriti. Hu ma kienx prezenti ghall-incident meritu ta' dan il-kaz u ghalhekk ma setghax jasal ghall-konkluzjoni li dawn kienu swat. Kien jispetta lill-Qorti li tasal ghal din il-konkluzjoni wara li tisma l-provi kollha mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza u b'hekk il-Qorti tkun tista' taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert. Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi mressqa tinnota li ma hemm ebda prova li tavalla t-tezi tas-swat. Ma hemm ebda dubju li l-kollutazzjoni bejn il-prigunier u l-erba' gwardjani kienet wahda serja u vjolenti, tant li kemm zewg gwardjani kif ukoll il-prigunier spiccaw imwegga'.

Kif intqal hawn fuq hemm marka ta' qiegh ta' zarbun fuq id-dahar ta' Toornstra. Fil-process verbal l-espert, inkarigat appozitament, ezamina l-qiegh taz-zarbun ta' tlett persuni. Meta din il-Qorti rat ir-ritratti ta' dawn it-tlett pari zarbun u rat ukoll ir-ritratti tal-marka taz-zarbun fuq dahar Toornstra, hu evidenti li l-marka taz-zarbun fuq id-dahar ta' Toornstra ma taqbilx ma ebda wahda mit-tlett pari l-ohra. Ta' dan zgur li mhemmx il-htiega li jitqabbad espert billi r-ritratti huma cari hafna. Ghalhekk, hu evidenti li l-appellant mhuwiex responsabbli tal-ksur tal-kustilja tal-prigunier. Dan hu konfermat mill-ewwel Qorti wkoll.

Illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant hu komplici fir-reat ta' ferita gravi 'per durata' a tenur tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali. Minn analizi ta' dan l-artikolu tal-ligi jirrizulta li persuna titqies komplici f'delitt jekk hija:

"tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt..."

(it-tieni parti tas-subinciz (e) mhiex rilevanti ghal dan il-kaz)

Hawnhekk, l-appellant indika lil din il-Qorti l-insenjamenti tal-Professur Mamo in materja u hu evidenti li dan l-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali ma japplikax hawnhekk. Din il-Qorti ser ticcita parti zghira minn tali insenjament li tifforma wkoll parti mir-rikors tal-appellant.

> "...but above all you cannot conceivably order or instigate or incite a man to commit an offence unless you have the intention that it shall be committed: you cannot strenghten the resolution which another man has to commit an offence or give instructions as to how best another should commit an offence, unless you are aware that that offence is contemplated and you yourself desire that it be committed"

Biex dan is-subinciz tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali jigi applikat irid ikun hemm il-prova necessarja kif indikata mill-Professur Mamo. Minn analizi tal-provi kollha prodotti ma jirrizulta min imkien li hemm xi prova li tavalla t-tezi ghall-applikazzjoni tal-artikolu 42(e) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk anki bl-argumenti tad-difensur tal-appellant dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Dak li jirrizulta mill-provi hu li Perry Ingomar Toornstra harab, gie arrestat ftit boghod mill-pjazza ta' Rahal Gdid, li hi biswit il-Facilita' Korrettiva. Li l-arrest tieghu kien wiehed vjolenti. Li tali vjolenza baqghet ghadejja sakemm niezel mill-karozza fil-bitha tal-habs u spiccat fl-intrata tal-bini tal-blokk l-antik ta' l-habs.

Illi l-appellant gie misjub hati li hu nfligga ugiegh jew tbatija gravi fuq il-persuna ta' Perry Ingomar Toornstra. Ma hemm ebda dubju li l-arrest ta' din il-persuna wara li hu harab mill-vettura li kienet qed twasslu lura l-habs kienet wahda kemmxejn movimentata li halliet tlieta min-nies feruti. Ma hemm ebda dubju li l-gwardjani li marru biex jarrestaw lill-prigunier li harab uzaw certa forza. Jirrizulta mill-provi li l-prigunier ma kienx bi hsiebu jaghti ruhu f'idejn il-gwardjani li min-naha taghhom kellhom juza certa forza anki zejda fuq il-prigunier minhabba l-istruttura fizika tieghu. Izda li tghid li dan il-prigunier gie ttorturat irid ikun provi li juru dan.

Wiehed jista' jargumenta li l-ksur tal-kustilja hu prova ta' dan izda hawnhekk jinqala dubju. Il-ksur kien konsegwenza tas-sahha li ntuzat fuq il-persuna tal-prigunier jew kienet haga gratwita li hekk ogghobha taghmel persuna li baqghet mhux maghrufa.

Illi in sostenn tal-argument li l-appellant ittortura lill-prigunier, dejjem skont l-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali, l-abbli prosekutrici ccitat sentenza tal-Qorti Ewrpoeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem pronunzjata fis-27 ta' Gunju, 2000, fl-ismijiet "Ilhan v. Turkey". F'dan il-kaz verament hemm elemneti serji ta' tortura fuq persuna mill-pulizija torka waqt l-arrest ta' din il-persuna. Kosegwenza ta' dan l-agir din il-persuna spiccat b'debilta' permanenti. Dan hu kaz estrem li ma jsib ebda konfort fil-fatti ta' dan il-kaz. Ghalhekk, il-konkluzjonijiet milhuqa f'dak il-kaz ma jistgghux isibu l-istess ezitu f'dan il-kaz.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: "Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija u Suprintendent Carmelo Bonello" deciza fil-5 ta' April, 1991 kemm dan il-bran li qed jigi riprodott:

> "...It-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u intenzjonata ta' trattament inuman u degradanti. Biex trattament determinat jaqa' taht il-komminazzjoni tad-dispozizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jehtieg li jlahhaq certu grad ta' gravita'. Dan il-grad m'ghandhux jitkejjel a bazi ta' l-effett li tali trattament jista' jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, izda minflok, a bazi ta' l-effett li fil-fatt kellu dak it-trattament partikolari fuq il-persuna partikolari li tkun giet assoggetta ghalih. Ghalhekk, is-sess, l-eta', l-istat ta' sahha, l-inkapacitajiet u fatturi varjabbli ohra li jaghmlu persuna dak li effettivament hi ghandhom jinghataw id-debita mportanza."

Fuq l-insenjament ta' din is-sentenza hu car li f'dan il-kaz partikolari ma jistax jigi riskontrat li l-appellant infliggja ugiegh jew tbatija gravi fuq il-persuna hawn fuq imsemmija a tunur tal-artikolu 139A tal-Kodici Kriminali.

Hawnhekk, il-Qorti qed taghmel referenza ghall-argumenti migjuba fir-rikors tal-appell u biex tigi evitata ripetizzjoni qed taghmel taghha dawk l-istess konsiderazzjonijiet. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi milqugh.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Pery Ingomar Toornstra kellu jigi mrazzan sew biex jerga jigi maqbud mill-appellant u it-tlett kollegi l-ohra. Mhemmx dubju li ntuzat certa forza fuq il-persuna tal-prigunier u minn analizi tal-feriti li garrab johrog car li l-forza li ntuzat minnhom 'lkoll ma kinitx konsona biex jitrazzan il-prigunier. Realment, meta wiehed janalizza r-rapport tal-espert mediko-legali jirrizulta li certi feriti huma kompatibbli ma kollutazzjoni biex il-prigunier jitrazzan, fil-waqt li ohrajn jidher li saru fil-koncitazzjoni tal-glieda li ma kienux intizi biss biex jitrazzan il-prigunier. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-prigunier fejn hu identifika lill-appellant u lit-tlett kollegi tieghu bhala l-persuni li kkawzaw il-feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati taz-zewg kontravenzjonijiet dedotti skont l-artikoli 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kodici Kriminali. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet akkuza, skont l-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, migjuba kontra tieghu u ghalhekk tiddijarah mhux hati ta' dawn l-akkuzi u tilliberah mill-istess akkuzi. Issibu hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Perry Ingomar Toornstra li bhala ufficjal pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux u li kellu d-dmir li jimpedixxi. Rat l-artikoli 221(1) u 141 tal-Kodici Kriminali. Tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma ghandhiex isehh hlief jekk l-akkuzat jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-akkuzat li jhallas is-somma ta' elf mitejn u wiehed u sebghin euro u disgha u hamsin centesimu (€1,271.59) spejjez inkorsi fil-hatra ta' periti fi zmien xahar mil-lum.